# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru 2001

Kawza numru 8.

Fl-atti tal-mandati kawtelatorji ta' sekwestru numru 530/01 fl-ismijiet Marcel Loporto vs S. Gullaumier & Company Ltd u l-mandat ta' inibizzjoni numru 4021/00 fl-ismijiet S. Gullaumier & Company Ltd vs Marcel Loporto.

Il-Qorti,

Hadet konjizzjoni tar-rikors presentat mis-socjeta' S. Gullamier & Co Ltd tat-8 ta' Marzu 2001 li permezz tieghu ntalbet ir-revoka totali jew parzjali tal-mandat ta' sekwestru ghas-somma ta' sebghin elf lira maltin (LM70,000) mahrug kontra taghha minn Marcel Loporto fis-26 ta' Frar 2001 kif ukoll l-applikazzjoni ta' l-artikolu 828A fil-konfront ta' l-istess Marcel Loporto.

Hadet konjizzjoni ukoll tar-rikors tal-istess Marcel Loporto tal-11 ta' Mejju 2001 kontra l-imsemmija socjeta' fejn qed jintalab li l-mandat ta' inibizzjoni ottenut mill-istess socjeta' kontra tieghu fis-17 ta' Novembru

2000 in kawtela tal-kreditu ta' cirka LM21,000 jigi revokat u jinghata provvediment taht l-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-kontenut tar-rikorsi imsemmija u l-provi prodotti jidher li Marcel Loporto kien ghamel zmien jagixxi ta' direttur tas-socjeta' S. Gullaumier & Co. Ltd fejn Anthony Gullaumier huwa socju maggoritarju. Meta l-kariga tieghu giet terminata Marcel Loporto intalab mill-awdituri tas-socjeta' in kwistjoni sabiex jiddikjara jekk kienx jaqbel li huwa kien debitur tal-istess socjeta' f'ammont li din kienet qed tippretendi. Jidher li l-istess Loporto ma oggezzjonax ghal dan il-kwezit u sahansitra ammetta l-ammont pretiz billi iffirma l-ittra tal-istess awdituri. Sussegwentement is-socjeta' S. Gullaumier & Co Ltd, in kawtela tal-kreditu taghha, pprezentat mandat ta' inibizzjoni biex l-istess Loporto jigi mizmum milli jiddisponi mill-proprjeta' tieghu (dan il-mandat ma giex ezebit) u ttiehdu proceduri sabiex il-kreditu jigi gudizzjarjament rikonoxxut.

Fl-imsemmija proceduri li jgiebu in-numru Citaz. Nru 2498/00 giet pprezenta kontro talba mil-konvenut Loporto u talab li s-socjeta' attrici tigi kkundannata thallsu ammont rappresentanti kreditu tieghu naxxenti minn ftehim li huwa kien allegatament ghamel ma Anthony Gullaumier ghal partecipazzjoni fil-profitti tal-istess socjeta'. Flimkien ma din il-kontro talba Marcel Loporto pprezenta mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghall-ammont ta' sebghin elf lira maltin (LM70,000). Fit-talba ghall-hrug tal-imsemmi mandat jinghad hekk "in kawtela tal-hlas tal-ammont fuq indikat rappresentanti sehem ir-rikorrent mill-qliegh tas-socjeta' sekwestrata in forza ta' ftehim ezistenti bejn ir-rikorrent u Anthony Gullaumier, azzjonista maggoritarju tas-socjeta' sekwestrata kif ukoll beneficcji u salarji bhala direttur tal-istess socjeta' sekwestrata."

Ikkunsidrat dwar it-talba ghar-revoka tas-sekwestru:

Is-socjeta' S. Gullaumier & Co Ltd qed tressaq it-talba taghha ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru a termini tal-paragrafu (d) tas-subinciz (1) ta' l-artikolu 836 tal-Kap 12. Dan jipprovdi li l-parti li kontra taghha jkun inhareg mandat kawtelatorju tista permezz ta' rikors titlob lill-Qorti li dan jigi revokat sew ghal kollox jew f'parti minnu *jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv.* Fir-rikors promotur is-socjeta' rikorrenti qed isostni li l-mandat in kwistjoni mhuwiex gustifikat u fi kwalunkwe kaz huwa eccessiv. In sostenn ta' dan qed jigi sottomess li:-

a) Ma hemm ebda relazzjoni bejn is-socjeta' sekwestrata u s-sekwestrant.
b) Kull ammont pretiz huwa milqut bil-preskrizzjoni kwinkwennali.
c) Is-salarju se mai dovut ma jeccedix l-LM1,000 u kull ammont fir-rigward huwa pacut mal-kreditu tas-socjeta' attrici.

**Nuqqas ta' relazzjoni guridika.**

Skond is-socjeta' rikorrenti, l-intimat jammetti li kull relazzjoni li seta' kien hemm kienet, kif jinghad fil-kontro talba mill-istess Marcel Loporto, bejnu u Anthony Gullaumier u dana kif jidher mid-dikjarazzjoni guramentata tieghu. Izzid tghid l-istess socjeta' li dak li qed jigi suggerit minn Marcel Loporto jammonta ghall-socjeta' civili li, skond il-ligi, tirrikejdi l-forma skritta ad validitatem.

L-intimat f'dan ir-rigward qed isostni li l-arrangament ta' bejnu u Anthony Gullaumier kien tal-generu ta' *assocjazzjoni en participation*

regolata mill-Kap 168 tal-Ligijiet ta' Malta li, per se, ma tirrikjedi ebda kitba. Jkompli jghid li tul l-assocjazzjoni li huwa kellu a bazi tal-ftehim milhuq ma' Anthony Gullaumier, il-kontribuzzjonijiet tieghu kienu dejjem a favur tal-istess socjeta' u dejjem kienet l-istess socjeta' li effetwat pagamenti lilu in konnessjoni ma tali ftehim.

Kif sewwa gie osservat mill-intimat "lex specialis derogat generalis" u ghalhekk kemm'l darba jirrizulta forma ta' ftehim bejn Loporto u Gullaumier, dan ghandu jigi regolat mill-provvediment tal-ligi specjali li kienet vigenti dakinhar li intlahaq il-ftehim, dejjem jekk jirrizulta li jinkwadra fil-provvedimenti tal-ligi.

L-artikolu 169 tal-Kap 168 kif kien jezisti fiz-zmien tal-allegat ftehim jipprovdi li "An association *en participation* is a contract whereby a person assigns to another person, for a valuable consideration contributed by the latter, a portion of the profits and losses of a business or of one or more commerical transactions". Dan huwa proprju dak li qed isostni l-intimat. Izda din il-Qorti ma tistax tikkondividi u takkolji l-argumenti tieghu kif esposti fir-risposta ghar-rikors promotur ghas-semplici raguni li tezisti distinzjoni netta bejn Anthony Gullaumier u s-socjeta' S. Gullaumier & Co Ltd liema socjeta ghandha personalita' guridika separata u distinta mill-persuni li ghandhom l-ishma fl-istess socjeta'. L-intimat mhux qed jallega li intlahaq ftehim mas-socjeta' ghall-partecipazzjoni f'sehem mill-profitti izda mas-socju maggoritarju tal-istess socjeta'. Dan fil-fehema tal-Qorti mhux bizzejjed billi tali ftehim kien ser jkollu konsegwenzi serji fuq il-partecipanti l-ohra fl-istess socjeta' li ghalhekk kien jehtieg l-approvazzjoni taghhom – haga li ma tirrizultax.

Ghal din ir-raguni jidher li l-ammont mitlub fil-konfront tas-socjeta' rikorrent ghall-sehem mill-profitti tal-istess socjeta' *prima facie* mhux gustifikat.

**Preskrizzjoni.**

Il-pretensjoni ta' Marcel Loporto fil-mandat fuq imsemmi tikkoncerna zewg affarijiet differenti. Sehem mill-profitti u arretrati ta' beneficcji u salarju qua direttur tal-istess socjeta'. In vista ta' dak li gja intqal hawn fuq fir-rigward tal-pretensjoni ghall-sehem mill-profitti din il-Qorti mhux sejra tikkunsidra l-aspett tal-preskrizzjoni fir-rigward. Ghar-rimanenti ma jirrizultax li dawn huma preskritti u lanqas qed jigi allegat dan.

**Tpacija.**

Jidher li l-intimat Marcel Loporto ghandu pretensjonijiet kontra s-socjeta' rikorrenti ghal xi beneficcji u salarju dovuti lilu. Is-socjeta' rikorrenti izda qed issostni li kemm'l darba dawn jezistu, dawn huma ta' entita zghira u fi kwanlukwe kaz ghandha issir tpacija ma' parti mill-ammont pretiz minnha u liema debitu huwa rikonoxxut mill-istess intimat kif inghad fuq. Fil-fehma ta' din il-Qorti tali tpacija tapplika ex lege u konsegwentement l-intimat ma jistax jivvanta ebda kreditu ulterjuri.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u a termini tal-provedimenti tal-paragrafu (d) tal-artikolu 836 (1) tal-Kap 12 tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 530/01 u tordna l-hrug tal-opportun kontro mandat. Ghar-rigward tat-talba a tenur tal-artikolu 838A din il-Qorti ma tarax il-htiega ta' ebda provediment fir-rigward stante li l-mandat ser jigi revokat.

**Dwar il-mandat ta' Inibizzjoni.**

B'rikors ippresentat fil-11 ta' Mejju 2001 Marcel Loporto talab li l-mandat ta' inibizzjoni ottenut mis-socjeta' S. Gullaumier & Co Ltd fil-konfront tieghu in kawtela tal-kreditu ta' LM21,081.00 mertu tal-proceduri fil-kawza Citaz Numru 2498/00, jigi revokat *inkwantu hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-socjeta' intimata*. In sostenn ta' din it-talba l-istess Marcel Loporto ezebixxa stima tar-residenza tieghu kif ukoll stima ta' uhud mill-effetti mobbli li jappartjenu lilu.

Il-kontro parti qed toggezzjona ghal din it-talba billi qed issostni li l-proprjeta' immobiljari hija kolpita b'diversi ipoteki u jekk l-proprjeta' tinbiegh in subbasta l-istess socjeta' tigi biss wara l-kredituri l-ohra bil-biza li ma jkunx hemm flus bizzejjed biex tigi sodisfatta l-pretensjoni taghha. Ghar-rigward tal-effetti mobbli l-istess socjeta' qed issostni li dawn ma jaghtu ebda garanzija kif trid il-ligi.

Il-Qorti tenut in konsiderazzjoni l-fatti kollha migjuba quddiemha, senjatament l-entita' tal-kreditu, il-valur kummercjali tal-proprjeta' tal-istess Marcel Loporto u l-possibilita' ghall-istess socjeta' li tuza mezzi ohra biex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha minghajr ma tippregudika lid-debitur fil-godiment shih tal-proprjeta' tieghu, inkluz jekk hemm bzonn, il-bejgh tal-fond immobiljari, hija tal-fehema li t-talba ghandha tigi milqugha limitatament ghal dak li jikkoncerna l-immobbli u thalli l-mandat in vigore fir-rigward tal-effetti mobbli tal-istess Marcel Loporto. Ghalhekk tornda il-hrug tal-opportun kontro mandat parzjali kif fuq inghad.

Ghar-rigward tat-talba sussidjarja dwar l-applikazzjoni ta' l-artikolu 838A, in vista ta' dak li gie provdut aktar il-fuq u in vista ukoll tal-ammissjoni tal-istess Marcel Loporto dwar l-ezistenza tal-kreditu allegat mis-socjeta' intimata, din il-Qorti hija tal-fehema li ma ghandha tiehu ebda provediment fir-rigward billi jidher li l-hrug tal-mandat kien gustifikat.

Fic-cirkostanzi kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

Onor Imhallef Albert J. Magri